

IT-TRIBUNAL GHAS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tal-15 ta' Ġunju 2016 – Stepien u Animali
vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-61/12) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Uffċċjali — Pensjonijiet — Trasferiment tad-drittijiet għal pensjoni nazzjonali — Proposti ta' akkredizzjoni ta' snin ta' servizz — Att li ma jikkawżax preġġudizzju — Inammissibbiltà tar-rikors — Talba sabiex tingħata deċiżjoni mingħajr ma jiġi ddibattut il-mertu — Artikolu 83 tar-Regoli tal-Proċedura)

(2016/C 410/68)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Beata Stepien (Brussels, il-Belġju) u Mario Animali (Brussels, il-Belġju) (rappreżentanti: inizjalment D. de Abreu Caldas, A. Coolen, J.-N. Louis, É. Marchal u S. Orlandi, avukati, sussegwentement D. de Abreu Caldas, J.-N. Louis u S. Orlandi, avukati, sussegwentement J.-N. Louis u S. Orlandi, avukati, finalment J.-N. Louis, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment J. Baquero Cruz u D. Martin, aġenti, sussegwentement J. Currall u G. Gattinara, aġenti, sussegwentement G. Gattinara, aġent, finalment G. Gattinara u F. Simonetti, aġenti)

Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament tal-proposti ta' trasferiment tad-drittijiet għal pensjoni miksuba qabel id-dħul fis-servizz fi ħdan il-Kummissjoni fuq il-bażi tal-kalkolu li jieħu inkunsiderazzjoni d-DGE l-għoddha li däħlu fis-seħħ wara t-talbiet ta' trasferiment tal-partijiet rikorrenti.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Beata Stepien u Mario Animali għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom u huma kkundannati jbatu l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU C 227, 28.7.2012, p. 38

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tal-15 ta' Ġunju 2016 – Wille u Skovboell
vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-75/12) ⁽¹⁾

"Servizz pubbliku — Uffċċjali — Pensjonijiet — Trasferiment tad-drittijiet għal pensjoni nazzjonali — Proposti ta' akkreditazzjoni tas-snин ta' servizz — Att li ma jikkawżax preġġudizzju — Inammissibbiltà tar-rikors — Talba għal deċiżjoni mingħajr ma tidħol fil-mertu tal-kawża — Artikolu 83 tar-Regoli tal-Proċedura"

(2016/C 410/69)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Daniel Wille (Mouscron, il-Belġju) u Bo Skovsboell (Brussels, il-Belġju) (rappreżentanti: inizjalment minn D. de Abreu Caldas, A. Coolen, J.-N. Louis, É. Marchal u S. Orlandi, avukati, sussegwentement minn D. de Abreu Caldas, J.-N. Louis u S. Orlandi, avukati, wara minn J.-N. Louis u S. Orlandi, avukati, fl-aħħar minn J.-N. Louis, avukat)